**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt
FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 5-14

**Data: 24 ta' April** 2014

**Hin:** 5:00pm

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

# MINUTI

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop ppresediet.

TALBA

Il-Kunsilliera Ms.Maria Sultana qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

**Il-Minuti gew reveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgha u kulhadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti ohra li kellhom jigu 'mqajjma dwar il-laqgha li saret f'Marzu 2014.**

2. ***Il-Minuti gew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana.***

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop ressqet ittra li rceviet minghand l-Ghaqda 'Lets Do It' fejn dawn ta' l-ahhar ser jorgannizaw 'Clean Up' f'Ricasoli. Huma talbu l-ghajnuna tal-Kunsill ghax xiri ta' Ingwanti, boroz Suwed / Grizi u skip biex b'hekk ikunu jistghu jahdmu.

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nghinu lill din l-Ghaqda ghall-attivita' li ser jorgannizaw.

Il-Kunsillier Vince Bongailas offra li jghaqqad xi Zaghzagh mill-Kalkara biex b'hekk ikunu jistghu jghatu daqqa t' id waqt din l-attivita'.

3.2 Is-Sindku nfurmat li fi zmien qarib ir-Rolling Creeks li hija kumpanija gdida li ser tibda topera fil-Kottoner u il-Kalkara b'karazzi zghar li jistghu jigu mikrija minn nies tal-lokal kif ukoll mit-turisti biex ikunu jistghu isuqu f'postijiet storici.

3.3 Is-Sindku ressqet ilment ta resident go Triq il-Kappuccini li hemm bzonn titwessa il-bankina. Din l-istess bankina ghandha tigi mnizzla fil-programm tal-bankini tal-Kunsill biex b'hekk meta jigu evalwati l-istess Kunsill jiddeciedi fejn hu ta' prijorita' biex jigi irrangat.

3.4 Is-Sindku nfurmat li ser tkun qeda ticcekja mad-Dipartiment tal-Housing fuq jekk hemmx xi skema attwalment biex ir-residenti li joqghodu fi djar tal-Gvern ikunu jistghu jibbenefikaw minna biex jirrangaw il-postijiet taghhom rispettivament fiz-zmien li gej.

3.5 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgha ma' l-ispettur fejn tkellmet ukoll dwar ic-CCTV cameras tal-Kunsill. L-ispettur issugerixxa illi minn naha tal-Kunsill tintbat ittra lis- Sur Ray Zammit (Deputy Commisioner) fuq id-diffikultajiet tal-kunsill dwar l-istess CCTV cameras.

3.6 Is-Sindku spjegat li hemm bzonn isir railing wara Dar il-Wens. Is-Sindku spjegat illi kienet qed iggib quotations minghand nies differenti pero' s'issa persuna wahda kien hemm interessata. Hija tablet l-ghajnuna tal-Kunsilliera biex b'hekk igibu aktar quotations minn naha taghhom.

3.7 Is-Sindku nfurmat li d-dawl tax-Xatt ser ikun qed jigi trangat il-gimgha id-diehla mill-kuntrattur impjegat mill-Kunsill.

3.8 Is-Sindku infurmat li xtaqet torganizza gurnata Sqallija (Agriturizmu). Is-Sinjura Chircop spjegat illi hija gabet quotations differenti bi prezzijiet differenti. Il-Kunsill qabel unanimamanet li kif ikollha l-affarijiet lesti ghandhom jitwahhlu avvizi fuq in-Notice Boards kif ukoll l-istess avviz jigi uploaded fuq il-FB page tal-Kunsill.

3.9 Is-Sindku nfurmat li xtaqet torganizza attivita' b' 'Live Band' fix-Xatt tal-Kalkara aktar il-quddiem fis-Sajf, biex b'hekk inqajjmu il-Lokal b'Kuncert zghir. Is-Sindku informat lill Kunsill li kellha iggib break down tal-ispejjez biex b'hekk titkellimha aktar il-quddiem mal-kumplament tal-Kunsilliera.

3.10 Is-Sindku nfurmat li bhas-snin ta' qabel ser tkun qed torganizza il–harga Kulturali fiz-zmien ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier.u informat li ser izzur flimkien mas-sotto kumitat l-anzjani rikoverati fl'isptarijiet u 'Homes' li huma Kalkarizi.

3.11 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hemm bzonn ta' Sinjal faccata tal-Bajja tar-Rinella fejn hemm il-Genista Foundation, peres li dahal Trakk u kisser xi zkuk tas-sigar fl-istess triq.

4. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

4.1 ***Vici Sindku – is-Sur Chris Bruno***

a Is-Sur Bruno tkellem dwar problema li hemm fi Triq Santa Liberata (fejn is-sur). F'din it-triq qed ikun hemm hafna hmieg taz-zwiemel u tal-klieb. Ir-residenti qeghdin jaghmlu hafna ilmenti li dan il-hmieg qed jintefa barra minn xatba li hemm. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir rapport lill-pulizija fuq dan.

b Il-Vici Sindku sahaq illi fi Triq is-Sienja fejn hemm il-crane, qeghdin jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankini li qed jikkawzaw hsara fl-isprallı tan–nies. Ghandu isir rapport lill-Pulizija biex b'hekk ir-residenti ta' din l-istess Triq ma jkollhom l-ebda hsara fil-propjetajiet taghhom.

c. Is-Sur Bruno spjega illi ir-ritratt li nhareg fuq il-fuljett ma kienx car. Issugerixxa illi ghall-darbohra jinhareg ahjar.

4.2 ***Kunsilliera – Ms.Maria Sultana***

a. Ms.Sultana spjegat illi hemm bzonn li l-Accountant tal-Kunsill jati spjegazzjoni tad-diskrepanza li kien hemm fil–Financial Statements li gewipprezentati waqt laqgha aktar kmieni f'Marzu.

b. Ms.Sultana spjegat li fit-Triq Missjoni Taljana rega kien hemm hmieg tal-hamiem u ikel ghall-annimali. Sahqet li kien hemm bzonn nergghu niehdu azzjoni bhala Kunsill biex b'hekk inzommu nadif kemm jista jkun.

c. Ms.Sultana ser tkun qed tiftijhem mal-Librar tal-Kunsill fuq ic-cwievet tal-Librerija minhabba l-istory telling tat-tfal li qed isiru kull nhar ta' Sibt. Hija qalet illi kienet ser tistaqsi dwar ic-cwievet biex jekk il-Librar ma jkunx jista jiftah hija tkompli b'din l-ativita' u tiftah hija stess.

4.3 ***Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas***

a. Is-Sur Bongailas staqsa kif bqajna fuq il-clerk il-gdida. Is-segretarja spjegat illi id-dipartiment jafu bis-sitwazzjoni u li qed nistennew risposta biex ikollna gwida kif ser imexxu fuq dan l-impjieg.

b. Is-Sur Bongailas staqsa fuq il-bozza tal-genb tal-knisja fejn is-Sindku spjegat illi il-kuntrattur mqabbad mill-Kunsill ser ikun qed jirranga din l-istess bozza il-gimgha id-diehla.

4.4 ***Kunsillier-Is-Sur Vince Bongailas ghadda d'hawn il-punti / suggerimenti t'hawn taht biex fiz-zmien li gej l-istess Kunsill ikun jista jahdem fughom.***

a. Isir Pjan ta' Zvilupp ghal-lokalita' kollha.

b. Nahdmu bhala Kunsill biex isir Restawr tas-swar li jinsabu qrib id-dahla tal-Kalkara.

c. Isir Restawr tal-Bieb tas-Salvatur.

d. Issir Pressjoni minn naha tal-Kunsill mal-Gvern Centrali biex issir sejha halli jigi zviluppat il-Forti Ricasoli.

e. Isiru tabelli mehtiega/ professjonali quddiem il-postijiet storici fil-Kalkara.

f. Il-Kunsill ghandu jahdem bhala team biex jinhareg ktieb dwar il-Kalkara u l-istorja taghha ghat-tfal.

g. Tinhareg mappa tal-Kalkara bil-postijiet l-aktar importanti.

h. Ir-railing tax-xatt jigi mizbugh iswed u jinxtraw pots u jigu mizrughin

i. Il-Kunsill ikollu website tieghu dejjem aggornata (possibilment b'xi fondi tal-EU) li fiha tingabar informazzjoni dwar il-Kalkara u l-istorja taghha, l-ghaqdiet u l-inizjattivi li jsiru matul is-sena, kif ukoll b'sezzjonijiet dwar xoghlijiet u postijiet ghall-bejgh / kiri..

j. Il-Kunsill ghandu jkollu fuljett aktar professjonali li jinhareg imqar darba fis-sena biex ir-residenti ikollhom aktar informazzjoni x'qieghed isir matul is-sena.

k. Issir dawra triq triq halli jinbidlu u jigu rrangati diversi affarijiet: fosthom tabelli, zebgha mal-art, gonna jew areas pubblici, bankini ecc.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 a. Is-Sindku nfurmat illi resident li ghandu diga parking bay allokat habba li huwa dizabli . Dan ir-resident xtaq iressaq temporanjament dan il-parking fi triq ohra minhabba il-progett li ser isir minn naha tal-MCST. IS-Sindku kellha tkellem lill dan ir-resident personalment biex tghidlu li il-parking jista jitmexxa pero jitwahhal pole u mhux zebgha mal-art.

5.2 Is-Sindku nfurmat li d-Dipartiment iridu jkunu jafu bejn wiehed u iehor meta ser naghmlu il-laqgha Pubblika li issir kull sena fil-Lokal. Il-Kunsilliera qablu kollha li din ghandha tigi ippjanata ghall-Ottubru 2014.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li l-Parocca ta' San Guzepp talabet l-ghajnuna tal-Kunsill biex b'hekk ikunu jistghaw ibiddlu il-bozzoz tal-faccata tal-istess Knisja f'energy savers. Il-Kunsill qabel illi ghandna nghinu billi jinxtraw bozzoz minn naha taghna ta' total 150 euros.

5.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera dwar applikazzjoni gdida ta' lampa fi Triq il-Genista minhabba ittra li rceviet minn resident ta 'din l-istess Triq, fejn sahaq illi m'hemmx dawl bizzejjed u li l-istess triq qed issir dejjem aktar perikoluza.

5.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera dwar ilmenti li rceviet fuq Triq San Leonardu , Triq San Mikiel u Triq il-Gir fejn dawn ir-residenti ukoll ghamlu talba ghall-lampi godda fit-toroq imsemmijin. L-applikazzjonijiet ghandhom jigu mibughta fiz-zmien qarib.

5.6 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera illi resident ressqet it-talba taghha biex tinghata l-latrina li hemm maghluqa fix-Xatt biex b'hekk ikollha post fejn tista titma il-qtates u jkollhom fejn jorqdu. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan imma qablu li ghandha tintbghat ittra lis-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes biex ikun jista jghina ahjar u jsib post zghir fejn dawn l-annimali ta' barra ikollhom fejn jieklu.

5.7 Is-Sindku nfurmat lill-kunsilliera illi irceviet ittra minghand l'Assocjazjoni Mazzri. Din hija Ghaqda li tiehu hsieb il-Mazzri. Din l-istess assocjazjoni baghtet din l-ittra bhala informazzjoni

5.8 Is-Sindku infurmat bl-email li rceviet minghand ir-"Ramblers Association of Malta" fejn ghandhom bzonn xi informazzjoni dwar il-postijiet storici tal-Kalkara. Is–Sindku infurmat lill Kunsill li ser tkun qed taghmel laqgha maghhom biex b'hekk tghaddi l-informazzjoni li ghandha fuq l-istess suggett.

5.9 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera bl-email li rcevejna mid–Dipartiment rigward l-Ambaxxatur / Ambaxxatrici 16. Il-Kunsilliera Maria Sultana sahqet illi bhala Kunsill ghandna ikollna sett ta' kriterji biex dan l-istess Ambaxxatur / Ambaxxatrici jigu maghzula kif ukoll issir interview biex b'hekk kull min hu interessat ikollu l-istess cans bhal kulhadd li jilhaq hu / hi.

5.10 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li rcevejna minn naha tal-"Collection Operations for Recycables", fejn dawn tal-ahhar qed jissugerixxu li issir bye-Law fuq l-istess suggett. Is-Segretarja kellha iggib aktar informazzjoni minghand Kunsilli ohra biex ikollna aktar informazzjoni ta' gwida fuq din l-istess bye-law.

5.11 Is-Sindku nformat lill-Kunsill dwar l-email li rcevejna mid-Dipartiment dwar is-sistema tal-'Live Streaming', fejn is-Segretarja giet mitluba issaqsi dwar il-fondi jibqawx allokati ghall-Kunsill tal-Kalkara jekk inhallu din l-istess sistema ghall aktar tard matul din is-sena.

5.12 Is-Sindku nformat lill-Kunsill dwar email li rceviet minn resident fejn hemm problema bil-bankina imkissra Triq il-Villa tal-Ammirall. Is-Sindku nformat lill-Kunsil li kellha tibghat email lill-Perit tal-Gvern biex iggib aktar informazzjoni fuq kif nistghu nirrangaw din il-bankina bl-ghajnuna tal-Gvern Lokali.

TMIEM

Is-Seduta intemmet fid-21.00hrs u giet aggornata ghal-Hamis 29 ta' Mejju 2014 fil - 5:00pm.

Elaine Caruana
Segretarju Ezekuttiv

Speranza Chircop
Sindku